



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

2009/2153(INI)

25.2.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tal-bijoskart fl-Unjoni
Ewropea
(2009/2153(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Salvatore Caronna

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jaqbel mal-inizjattiva tal-Kummissjoni, promossa permezz tal-Green Paper tagħha, dwar l-opportunità ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-ġestjoni tal-bijoskart;
2. Jieħu nota li l-bijoskart jirrappreżenta 'l fuq minn 30% tal-iskart solidu municiipali; huwa tal-fehma li t-titjib fil-ġestjoni ta' dan l-iskart jikkontribwixxi għal ġestjoni sostenibbli tar-rizzorsi u l-ilħuq tal-għanijiet fil-qasam tar-riċiklaġġ u tal-enerġiji rinnovabbli;
3. Iqis li l-ġestjoni tal-bijoskart għandha tkun parti minn ċiklu sostenibbli tal-ġestjoni tal-iskart, immirat lejn l-użu razzjonali u l-konservazzjoni tar-rizzorsi kif ukoll ta' tnaqqis tal-impatti ambjentali;
4. Ifakkar li l-ġestjoni ta' skart bħal dan għandha tkun strutturata skont ġerarkija tal-metodi ta' ġestjoni tal-iskart inġenerali: prevenzjoni, riċiklaġġ, tipi oħra ta' rkupru, fosthom għal finijiet enerġetiċi u, bħala l-aħħar għażla, ir-rimi fil-landfills (l-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/31/KE);
5. Huwa tal-fehma li l-aħjar deċiżjoni favur il-proċedura tat-trattament għandha tittieħed biss fuq il-bażi ta' eżami tas-sitwazzjonijiet lokali rispettivi (l-istruttura tal-post, l-istruttura tal-bijoskart, il-faċilitajiet li diġà jeżistu);
6. Jenfasizza li fl-irkupru tal-bijoskart għall-produzzjoni tal-enerġija wieħed għandu jżomm f'moħħu l-effiċjenza tal-enerġija u s-sostenibilità tal-iżvilupp u li dawn il-prodotti, għalhekk, prinċipalment għandhom jintużaw bl-aktar mod effiċjenti;
7. Jenfasizza li l-ġestjoni tal-bijoskart skont il-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE tinkludi l-prevenzjoni tal-iskart, ir-riċiklaġġ, il-bdil ta' materjal organiku f'kompost u l-irkupru tal-enerġija;
8. Iqis li t-trattament mekkaniku bijoloġiku (MBT) jirrappreżenta mod effettiv biex ma jintremewx kwantitajiet konsiderevoli ta' skart li jinten fil-landfills u minflok jintużaw bħala kompost, għad-diġestjoni anerobika u l-irkupru tal-enerġija;
9. Jinsisti fuq in-neċessità li l-bijoskart nieqes minn sustanzi li jniġġsu jitqies bħala rizzorsa naturali prezzjuża li tista' tintuża biex jiġi prodott kompost ta' kwalità;
10. Iqis li l-futur tal-agrikoltura jiddependi wkoll mill-preservazzjoni u mir-riabilitazzjoni tal-fertilità tal-ħamrija; jinnota li l-użu ta' kompost ta' kwalità fl-agrikoltura jista' jikkontribwixxi biex jippreserva l-produttività tal-art, tiżdied iż-żamma tal-ilma kif ukoll il-kapaċità tagħha li taħżen il-karbonju u tnaqqas l-użu ta' fertilizzanti kimiċi; jisħaq fuq ir-rwol tal-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqşam mal-iżgurar tal-użu ta' kompost ta' kwalità għall-art agrikola;

11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu definiti biè-çar l-istandards ta' kwalità fil-qasam tat-trattament tal-bijoskart u tal-kwalità tal-kompost, sabiex jiġi evitat it-tniġġis gradwali tal-ħamrija; jitlob lill-Kummissjoni biex tistudja l-għażla li tikkonsisti fil-preżentazzjoni ta' proposti leġiżlattivi li jistabbilixxu kriterji kwalitattivi għall-kompost u d-diġestat, li għandhom ikunu bbażati fuq prerekwiżit, dak tal-ġbir separat;
12. Jinnota li fil-proċess ta' bdil ta' materjal organiku f'kompost il-gassijiet li joħorġu mill-materjal maħżun jiġu kkontrollati b'diffikultà kbira, u dan jirrappreżenta periklu serju għall-ambjent u l-atmosfera; għandu jiġi rrimarkat li bdil ta' materjal organiku f'kompost li jsir korrettament, partikolarment l-iskart organiku muniċipali, jinvolvi l-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mill-iskular tal-ilma mill-massa tal-kompost;
13. Huwa tal-fehma li l-prinċipju “min iħammeġ iħallas” għandu jittieħed bħala bażi għar-rimborż tal-ispejjeż addizzjonali ġejjin mid-dħul ta' materjal li jniġġes fil-ħamrija, sabiex l-impatti esterni tal-applikazzjoni tal-bijoskart ma jinġarrux mill-bdiewa;
14. Itenni li l-ġbir separat tal-iskart huwa essenzjali għall-konformità mad-Direttiva dwar il-Landfills (Direttiva 1999/31/KE, premessa 17), jipprovdi materjal ta' kwalità għar-riċiklaġġ tal-bijoskart u jtejjeb l-effikaċja tal-irkupru tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-introduzzjoni ta' sistemi ta' separazzjoni tal-iskart u biex iddaħħal xi għanijiet li jorbtu u li jkunu ambizzjużi għar-riċiklaġġ ta' dan l-iskart;
15. Iqis li kundizzjoni importanti sabiex l-inċinerazzjoni tal-bijoskart issir alternattiva possibbli fil-ġerarkija tat-trattament tal-iskart hi li din tiġi kombinata mal-irkupru tal-enerġija;
16. Iqis li l-bijoskart jikkostitwixxi riżorsa rinnovabbli prezzjuża għall-produzzjoni ta' elettriku u ta' bijofjuwil għat-trasport u l-provvista fin-netwerk tal-gass permezz tal-purifikazzjoni tal-bijogass (prinċipalment il-metanu – 50 sa 70% – u d-diossidu tal-karbonju) li minnu jiġi l-bijometanu; jitlob lill-Kummissjoni tanalizza u tinkoraġġixxi l-possibilitajiet tal-użu tal-bijoskart għall-produzzjoni tal-bijogass;
17. Huwa tal-fehma li, bl-għajnuna ta' regolazzjoni fil-livell Komunitarju, għandhom jinħolqu inċentivi li jippermettu li l-bijogass jiddaħħal fin-netwerk tal-pajpijiet tal-gass naturali;
18. Jieħu nota tad-differenzi li jeżistu fost il-miżuri leġiżlattivi nazzjonali differenti u fost is-sistemi ta' ġestjoni tal-iskart fl-Istati Membri individwali u tal-fatt li r-rimi fil-landfills ikompli jkun il-metodu ta' rimi tal-iskart solidu muniċipali l-aktar użat fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel kull ma tista' biex issaħħaħ u tiżgura l-applikazzjoni tal-liġijiet dwar ir-rimi f'landfills fil-Komunità kollha u biex teżamina l-ħtieġa li tiġi preżentata proposta leġiżlattiva dwar l-iskart bijodegradabbli mill-aktar fis possibbli, bil-għan li jiġi wkoll żgurat li l-bijoskart jiġi impedit milli jintrema fil-landfills; jistieden lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom bil-għan li jaqsmu l-aħjar Prattiki fil-qasam tal-ġestjoni tal-bijoskart;

19. Jitlob li l-pubbliku jkun aktar infurmat bil-kumplessità tal-katina tal-iskart, li tinkludi l-
edukazzjoni dwar is-separazzjoni korretta u t-trattament xieraq tal-iskart; jistieden lill-
Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu azzjonijiet ta' edukazzjoni f'livell
pubbliku u partikolarment fl-iskejjel biex titħeġġeġ ġestjoni sostenibbli tal-iskart solidu
muniċipali u biex iċ-ċittadini jiġi sensibilizzati dwar il-vantaġġi tal-ġbir separat;
jenfasizza, f'dan il-kuntest, is-sehem importanti tal-bliet, il-komunitajiet u l-impriżi lokali
fil-konsulenza u fl-ġhoti ta' informazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-iskart min-naħa taċ-
ċittadini;
20. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina f'liema oqsma kummerċjali għall-bijoskart teżisti l-
akbar effiċjenza tal-enerġija;
21. Jinnota l-fatt li r-riċiklaġġ tal-iskart qed jiżdied fl-Ewropa tal-Punent, filwaqt li r-rata ta'
riċiklaġġ fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant għadha baxxa ħafna; jistieden lill-
Kummissjoni, għaldaqstant, biex tippromwovi politika ekoloġika fil-qasam tal-ġestjoni
tal-iskart bl-għan li tiżdied ir-rata ta' riċiklaġġ.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	23.2.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Richard Ashworth, Liam Aylward, Christophe Béchu, José Bové, Luis Manuel Capoulas Santos, Vasilica Viorica Dăncilă, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Lorenzo Fontana, Iratxe García Pérez, Martin Häusling, Esther Herranz García, Peter Jahr, Elisabeth Jeggle, Elisabeth Köstinger, Giovanni La Via, Stéphane Le Foll, George Lyon, Miguel Angel Martínez Martínez, Gabriel Mato Adrover, Mairead McGuinness, Mariya Nedelcheva, James Nicholson, Rareş-Lucian Niculescu, Wojciech Michał Olejniczak, Georgios Papastamkos, Marit Paulsen, Britta Reimers, Alfreds Rubiks, Giancarlo Scotta', Alyn Smith, Marc Tarabella, Janusz Wojciechowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Salvatore Caronna, Spyros Danellis, Esther de Lange, Filip Kaczmarek, Hans-Peter Mayer, Maria do Céu Patrão Neves